**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS LL.D**

**Kawża Numru: 131/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Carmelo Borg**
**(ID 21663(M))**

**Illum, 14 ta’ Novembru 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Carmelo Borg** ta’ 49 sena, iben John u Antonia nee` Camilleri, imwieled Pieta` nhar il-11 ta’ Diċembru 1962, u joqgħod temporanjament fil-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 21663(M);

Akkużat talli fit-13 ta’ Novembru 2011 u xhur qabel fil-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin u f’dawn il-Gżejjer:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga Herojina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-

disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga Methadone, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli b'hekk sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-5 ta' Marzu 2012, ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta'

Malta), sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi dan il-każ ġie assenjat lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;[2]

Semgħet lill-partijiet jirrimettu ruħhom għall-provi prodotti.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet odjerni, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Jurgen Vella** jixhed dwar dak li ġie rrapportat lilu dwar il-każ odjern u dan fil-qosor, illi nhar it-13 ta' Novembru 2011 għall-ħabta tal-11.00 a.m., il-Maġġur Dennis Cassar informa lill-Għassa ta' Raħal Ġdid illi għall-ħabta tad-9.15 a.m., fil-waqt illi l-imputat odjern kien qiegħed fil-kju sabiex jieħu l-*methadone* fl-MI *Room* mingħand l-infermiera Janice Vella, CO 180 Mario Ellul innota illi l-istess imputat ħa l-*methadone* f'ħalqu quddiem l-infermiera, iżda hekk kif dar u kien sejjer lura, l-istess imputat beżaq il-*methadone* fit-tazza li kien qed iżomm f'idu. Iżjed tard saret tfittxija fiċ-ċella tal-imputat, ossia ċella numru 20 f'diviżjoni 11, liema tfittxija saret minn CO 143 Noel Buttigieg, CO 139 Kevin Cauchi, il-Maġġur Dennis Cassar u CO 180 Mario Ellul, fil-presenza tal-imputat. Minn hemm huma elevaw xi oġġetti relatati mal-użu tad-droga, fosthom skont ix-xhud, żewġ biċċiet *foil* maħruq, waħda minnhom misjuba f'kartolina fuq xkaffa u oħra bejn il-kotba. Ukoll skont ix-xhud, fuq il-ħoġor tat-tieqa taċ-ċella, instabu xi żewġt iqratas li kien fihom trab kannella u karta rrumblata forma ta' sigarett. Dawn ġew elevati mill-pulizija. Ix-xhud għalhekk informa b'dan lill-Maġistrat tal-Għassa Dr. A. Micallef Trigona, li da parti tiegħu ħatar bħala esperti lix-Xjenzat Godwin

[1] Ara a fol. 24 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 60 tal-proċess.

Sammut u lis-*Scene of Crime Officer* sabiex jassistuh fl-inkjesta.[3] L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija dakinhar stess, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[4]

L-istess Spettur Jurgen Vella jikkonferma wkoll ir-rapport tiegħu lill-Maġistrat Inkwirenti, formanti parti mill-proċess verbal u esebit a fol. 40 tal-proċess. Huwa jgħid ukoll illi r-rapport dwar il-każ daħal ġewwa l-Għassa ta' Raħal Ġdid mill-*control room* tal-ħabs u illi huwa ġie nfurmat bih mis-Surġent tal-Għassa. Fix-xhieda tiegħu, fuq mistoqsija tal-Qorti, ix-xhud jgħid illi l-boroż li nstabu kienu vojta. Jgħid ukoll illi ma jidhirlux illi l-*methadone* instabet fiċ-ċella tal-imputat, iżda fit-tazza li kienet f'idu.[5]

2. **CO 180 Mario Ellul** jixhed illi fil-jum mertu tal-każ odjern, għall-ħabta tad-9.00 a.m., Carmelo Borg ossia l-imputat odjern, ħa l-*methadone* li kien intitolat għalih ġewwa l-ħabs u hekk kif kien sejjer lura, huwa nnutah jitfa' l-istess *methadone* minn ħalqu fit-tazza tal-kafe` li kien qed iġorr miegħu. Ix-xhud jgħid illi ra lill-imputat huwa stess jagħmel dan u ħadlu t-tazza tal-kafe` li kien fiha l-*methadone* u għaddiha lill-Maġġur. Jgħid ukoll illi suppost, skont il-proċedura, l-imputat bela' s-sustanza dak il-ħin, iżda dan m'għamlux u illi huwa rah jitfa' s-sustanza fit-tazza u jitlaq biha. Dak il-ħin il-priġunier kien fi triqtu lejn id-diviżjoni tiegħu.

   **In kontro-eżami** x-xhud jgħid illi fil-ħabs, it-tabib jikteb il-*methadone* u l-priġunier imbagħad jingħata dik il-*methadone* kif preskritta mit-tabib. Jgħid ukoll illi dakinhar huwa ra lill-infermiera tagħti l-*methadone* lill-imputat. Huwa ma reġax ta l-*methadone* lura lill-imputat wara li ħadielu, iżda għaddiha lill-Maġġur.[6]

3. **CO 143 Noel Buttigieg** jixhed illi fil-jum mertu tal-każ odjern, kienu ngħataw struzzjonijiet mill-Maġġur Dennis Cassar sabiex jagħmlu tfittxija fiċ-ċella bin-numru 20, diviżjoni 11, ossia ċ-ċella tal-imputat odjern. Huwa jgħid illi

---

[3] Ara l-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona dwar '*Sejba ta' sustanzi suspettata droga fiċ-ċella numru 20 diviżjoni 11 tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin nhar it-13 ta' Novembru, 2011*' (a fol. 38 *et seq* tal-proċess), esebit minn Oriana Deguara, Deputat Reġistratur (ara x-xhieda ta' Oriana Deguara a fol. 34 u 35 tal-proċess). Mill-istess proċess verbal, jirriżulta illi s-*Scene of Crime Officer* maħtur f'dan il-każ kien PS 1261 C. Pace.

[4] Ara l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, a fol. 22 u 23 tal-proċess u d-dikjarazzjoni tal-Uffiċjal Investigatur, l-Ispettur Jurgen Vella, li fiha jiddikjara li l-imputat ingħata d-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju, iżda huwa għażel li ma jeżerċitax dan id-dritt (a fol. 33 tal-proċess). Ara wkoll din ix-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella, a fol. 28 sa 32 tal-proċess.

[5] Ara a fol. 72 *et seq* tal-proċess.

[6] Ara a fol. 61 *et seq* tal-proċess.

fiċ-ċella sab "*foil bi traċċi suspettużi fuqu maħruqa, użati*" iżda ma ftakarx f'liema parti taċ-ċella nstab il-*foil*. Kull ma jiftakar huwa li ġiet elevata u murija lill-imputat.[7]

4. **Il-Maġġur Dennis Cassar** jixhed illi waqt it-tfittxija fiċ-ċella tal-imputat, instabu xi fidda maħruqin, iżjed minn waħda, u pajp. Mistoqsi fejn instabu dawn l-oġġetti, huwa jgħid illi kienu diversi, "*kien hemm fit-tieqa u wara l-posters pero hu indika li ma kienux tieghu*".[8] Jgħid illi l-imputat kien jirrisjedi waħdu fiċ-ċella, iżda ma jafx kemm kien ilu fiha.

   **In kontro-eżami** x-xhud jgħid illi l-imputat kien diġa` ilu fiċ-ċella għal xi żmien, għalkemm eżatt kemm ma kienx jaf.[9]

5. **CO 139 Kevin Cauchi** jixhed illi fil-jum in kwistjoni, fiċ-ċella tal-imputat, huwa sab il-*foil* fil-*cupboard*. Mistoqsi jekk instabitx biċċa waħda, huwa jgħid "*Bicca wahda zgur sibt u kienet ghandikun uzata wkoll. Kienet mahruqa*".[10]

6. **Janice Vella**, infermiera, tixhed illi fit-13 ta' Novembru 2011, kienet qegħda taħdem fid-diviżjonijiet 11, 12 u 13 u kienet qed tqassam il-*methadone* f'kamra ġewwa l-ħabs. Tgħid illi hija tat il-*methadone* lill-imputat u "*imbaghad l-ufficjal milli nista' nifhem mar warajh u hadlu t-tazza tal-kafe*".[11] Tgħid ukoll illi hekk kif hija tat il-*methadone* lill-imputat, dan għamilha f'ħalqu, kif ukoll illi hija rat lill-uffiċjal Mario Ellul jimxi wara l-istess imputat, għax milli fehmet hi, dan induna li l-imputat ma kienx bela' l-*methadone*. Tgħid ukoll illi taf li l-imputat kellu tazza tal-kafe` f'idu.[12]

7. Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, formanti parti mill-proċess verbal tal-inkjesta dwar dan il-każ, jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti għall-analiżi tiegħu u ċioe` *Police Evidence Bag* bin-numru **C000514584** li fiha: (i) tazza ta' lewn ħadra vojta; (ii) *envelope* ta' lewn kannella vojt; (iii) kaxxa tal-plastik trasparenti li fiha 4 biċċiet ta' *aluminium foil* maħruq u 2 boroż tal-plastik trasparenti li wieħed minnhom kien fih xi tiċpis ta' lewn kannella; (iv) karta rromblata b'tiċpis ta' lewn iswed; u (v) flixkun tal-plastik trasparenti li fih likwidu skur.

---

[7] Ara a fol. 68 *et seq* tal-proċess.
[8] Ara a fol. 84 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 83 *et seq* tal-proċess.
[10] Ara a fol. 91 tal-proċess. Din ix-xhieda tinsab a fol. 89 *et seq* tal-proċess.
[11] Ara a fol. 112 tal-proċess.
[12] Ara din ix-xhieda a fol. 111 *et seq* tal-proċess.

Skont l-istess relazzjoni, l-istess espert ikkonkuda s-segwenti dwar dan id-dokument:

a) Illi fuq *swab* meħuda mit-tazza ta' lewn ħadra u fuq estratt meħud mill-likwidu (indikat bħala (v) *supra*), instabet is-sustanza *Methadone*. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

b) Illi fuq *swabs* meħuda mill-*aluminium foils* fl-istess dokument, instabet is-sustanza Eroina fuq waħda minn erbgħa. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

c) Illi fuq *swab* meħuda mill-karta rromblata fl-istess dokument instabet is-sustanza Eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi ż-żewġ boroż tal-plastik trasparenti rriżultaw fin-negattiv għad-droga.[13]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi jrid jingħad fl-ewwel lok illi l-Qorti qed tqis l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-13 ta' Novembru 2011 bħala inammissibbli u dan stante li l-istess imputat ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu. Fil-fatt fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija. Dan qed jingħad fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, is-sentenzi fl-ismijiet **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022). Jirriżulta ċar illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti. Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrija meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan japplika wkoll għal dak li xehed l-Uffiċjal Prosekutur in konnessjoni mal-kontenut tal-istess stqarrija.

---

[13] Ara din ir-relazzjoni a fol. 45 *et seq* tal-proċess. Ix-Xjenzat Godwin Sammut ikkonferma din ir-relazzjoni tiegħu fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, a fol. 81 u 82 tal-proċess.

**Ikkunsidrat ultejorment:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat ġie akkużat bir-reat ta' pussess tad-droga eroina. Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbagħad, l-imputat ġie akkużat ukoll bir-reat ta' pussess tad-droga *Methadone* u dan b'referenza għat-13 ta' Novembru 2011 u xhur qabel fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti jirriżulta illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat Carmelo Borg kien detenut u illi kien miżmum fiċ-ċella bin-numru 20 fid-Diviżjoni 11 tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordina. Jirriżulta wkoll illi għall-ħabta tad-9.00 a.m. tat-13 ta' Novembru 2011, l-imputat ingħata doża *methadone* mill-infermiera Janice Vella, liema mediċina huwa daħħalha f'ħalqu fil-presenza tal-istess infermiera. L-uffiċjal tal-ħabs CO 180 Mario Ellul jixhed illi huwa nnota lill-istess imputat jitfa' l-*methadone* li kellu f'ħalqu lura fit-tazza tal-kafe` li l-istess imputat kien qed iġorr f'idu. Kien għalhekk illi CO 180 waqqaf lill-imputat li kien sejjer lura fid-diviżjoni u ħadlu mill-pussess tiegħu t-tazza bil-kafe`, li ġiet mgħoddija minnu lill-Maġġur. Jirriżulta wkoll illi b'konsegwenza ta' dan, ġiet ordnata tfittxija fiċ-ċella tal-imputat, minn fejn ġew elevati xi oġġetti relatati mat-teħid tad-droga.

Preliminarjament u fir-rigward tal-provi prodotti, il-Qorti tieħu l-opportunita` tippuntwalizza illi fi proċeduri kriminali, bħal dawk tal-lum, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha skont il-liġi. Huwa mistenni illi l-Prosekuzzjoni taqdi dan l-obbligu tagħha billi tressaq provi ċari u bastanti li ma jħallux dubju raġjonevoli f'moħħ min irid jiġġudika. Huwa ben stabbilit illi għalkemm mhux kull dubbju għandu jwassal lill-Qorti sabiex tillibera lill-imputat, kull dubbju dettat mir-raġuni dwar il-ħtija tal-imputat għandu jwassal sabiex l-istess imputat jiġi liberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, u dan in omaġġ tal-prinċipju *in dubio pro reo.*

Jibda biex jingħad illi m'huwiex ċar dak li ġie elevat dakinhar tat-tfittxija li saret fiċ-ċella tal-imputat odjern; anzi l-provi dwar dak li allegatament instab u ġie elevat mill-istess ċella, huma tassew konfużi. Fir-rigward jirriżulta illi t-tfittxija fl-istess ċella saret minn xejn inqas minn tliet uffiċjali tal-ħabs, ossia l-Maġġur Dennis Cassar, CO 139 Kevin Cauchi u CO 143 Noel Buttigieg, għalkemm f'xhieda mogħtija mill-istess uffiċjali jissemma wkoll CO 180 Mario Ellul bħala li kien preżenti waqt din it-tfittxija, meta l-istess CO 180 fix-xhieda tiegħu jgħid illi huwa ma kienx involut u ma kienx preżenti għall-istess.

Filwaqt illi CO 143 Noel Buttigieg jgħid illi huwa kien sab *foil* bi traċċi suspettużi, li kienu maħruqa u wżati, huwa xehed illi ma jiftakarx fejn instabu, u dan apparti wkoll illi lanqas ma jippreċiża kemm il-biċċa *foil* ġiet elevata miċ-ċella tal-imputat.

Il-Maġġur Cassar imbagħad jgħid illi kienu nstabu xi fidda maħruqin u pipa, kif ukoll illi l-postijiet fejn instabu kienu diversi, skont hu "*kien hemm fit-tieqa u wara l-posters*" u dan filwaqt illi jgħid ukoll illi fidda kien hemm iżjed minn biċċa waħda, mingħajr ma jispeċifika kemm instabu. Da parti tiegħu, CO 139 Kevin Cauchi jgħid illi huwa sab *foil* fil-*cupboard* u mistoqsi jekk kinitx biċċa waħda, huwa jgħid illi waħda żgur u illi "*kienet ghandikun uzata wkoll. Kienet mahruqa*".

Il-Qorti qed tqis ukoll illi fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-Ispettur Jurgen Vella – li naturalment xehed fuq dak li ġie rrapportat lilu – jgħid illi fiċ-ċella nstabu żewġ biċċiet ta' *foil* maħruq, waħda misjuba f'kartolina fuq xkaffa u oħra bejn il-kotba, żewġt iqratas li kien fihom trab kannella u karta rrumblata f'forma ta' sigarett, li nstabu fuq il-ħoġor tat-tieqa. F'xhieda oħra tiegħu f'dawn il-proċeduri, huwa jgħid ukoll illi l-boroż tal-plastik kienu vojta. Fir-rapport tiegħu għall-fini tal-inkjesta, imbagħad, l-istess Spettur Vella – li anke hawn wieħed jifhem li kien qed jirrapporta dak li ngħad lilu – jindika żewġ biċċiet tal-*foil* misjuba fi ktieb u f'kartolina mwaħħla mal-ħajt, trab kannella li nstab fuq il-ħoġor tat-tieqa u tliet bukkini tal-karti misjuba f'armadju.

F'dan il-kuntest, il-Qorti mbagħad qed tikkunsidra dak li jirriżulta li ġie mgħoddi lix-Xjenzat Godwin Sammut għall-analizi tiegħu mill-Ispettur Jurgen Vella u ċioe` tazza ta' lewn ħadra vojta, *envelope* ta' lewn kannella vojt, kaxxa tal-plastik trasparenti li fiha erba' biċċiet ta' *aluminium foil* maħruqa u żewġ boroż tal-plastik trasparenti li wieħed minnhom kien fih xi tiċpis ta' lewn kannella, karta rrumblata b'tiċpis ta' lewn iswed u flixkun tal-plastik trasparenti li fih likwidu skur.

Il-Qorti tinnota wkoll illi PS 1536 John Massa li skont l-Ispettur Vella mar ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin wara din is-sejba, la xehed f'dawn il-proċeduri u wisq inqas esebixxa r-rapport tiegħu dwar il-każ u dwar dak li seta' ntqal lilu *a tempo vergine* mill-uffiċjali tal-ħabs involuti fit-tfittxija. In oltre r-relazzjoni ta' PS 1261 C. Pace, maħtur bħala *Scene of Crime Officer* fil-mori tal-inkjesta dwar l-istess każ baqgħet ma ġietx esebita f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti għalhekk lanqas m'għandha a disposizzjoni tagħha r-ritratti meħuda *a tempo vergine* ta' dak li ġie elevat miċ-ċella in kwistjoni.

Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq dawn il-provi u tasal għall-ħtija tal-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, u dan fid-dawl tad-dubji li jinsorġu dwar dak li fil-fatt instab fiċ-ċella tal-imputat u dwar il-provenjenza tal-oġġetti li ngħataw lill-espert għall-analizi tiegħu. Meqjusa dawn il-provi, il-Qorti ma tqisx li din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata u għaldaqstant sejra tilliberah minnha.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-Qorti tqis illi verament illi CO 180 Mario Ellul xehed dwar kif huwa ra lill-imputat jitfa' lura l-*methadone* fit-tazza tal-kafe` li kien qiegħed iżomm f'idu l-istess imputat. Madankollu qed tqis ukoll illi kif ingħad, mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta illi huwa ngħata għall-analizi tiegħu, fost oġġetti oħrajn, tazza ta' lewn ħadra vojta u flixkun tal-plastik trasparenti li kien fih likwidu skur. Il-Qorti tifhem mix-xhieda ta' Janice Vella illi huwa solitu li d-detenuti li jkunu ntitolati li jirċievu l-*methadone* jġorru tazza bil-kafe` magħhom waqt li jkunu qed jieħdu l-istess mediċina. Huwa għalhekk preżunt illi meta l-imputat ingħata l-*methadone*, it-tazza tiegħu ma kinitx vojta, iżda kien fiha, jekk xejn aktar, il-kafe`. In oltre li kieku t-tazza li kien qiegħed iġorr l-istess imputat kienet vojta, kien ikun ferm sempliċi sabiex l-uffiċjal tal-ħabs jistabilixxi illi l-imputat kien beżaq il-mistura lura fit-tazza minflok belagħha. Dak illi x-Xjenzat Godwin Sammut rċieva mingħand l-Ispettur Jurgen Vella kienet tazza vojta flimkien ma' flixkun tal-plastik trasparenti li kien fih likwidu skur. Ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni dwar x'sar mil-likwidu li seta' kien fit-tazza – kull ma ngħad fil-fatt minn CO 180 Mario Ellul huwa li hu għadda t-tazza bil-kafe` lill-Maġġur – u għalkemm huwa probabbli li l-kontenut tat-tazza ġie trasferit ġol-flixkun tal-plastik li ġie mgħoddi lill-espert, il-Qorti tqis illi jkun ferm ażżardat li tislet din il-konklużjoni mix-xhieda skarna li tirriżulta mill-atti proċesswali. Il-Qorti m'għandha l-ebda prova dwar x'kien il-likwidu fil-flixkun u jekk dan il-likwidu kienx dak li preċedentement kien fit-tazza, dwar min, kif u fejn tpoġġa dan il-likwidu fil-flixkun, u li dan kien il-każ, jew li din kienet it-tazza li ttieħdet lill-imputat. L-istess nuqqasijiet ta' prova dwar il-provenjenza tal-oġġetti li ngħataw lill-espert Sammut li l-Qorti rriskontrat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, huma nuqqasijiet li jirriżultaw ukoll in kwantu t-tieni imputazzjoni.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi lanqas it-tieni imputazzjoni ma tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Fir-rigward tat-<u>tielet imputazzjoni</u>, imbagħad, ossia dik li permezz tagħha l-imputat ġie akkużat bir-reċidiva, la darba mhux qed tinstab reita` fl-imputat dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet, ifisser illi l-imputat lanqas ma jista' jinstab ħati talli huwa reċidiv.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat **Carmelo Borg** mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnhom.

Għaldaqstant, lanqas ma qegħda tordna lill-istess imputat sabiex iħallas l-ispejjeż tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, nominat fl-inkjesta.

Tordna d-distruzzjoni tal-oġġetti esebiti in atti u ritornati mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut mar-relazzjoni tiegħu, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat